**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 27/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Josef Dalli**

Illum, 28 ta' Lulju 2023

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Josef Dalli, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 115189M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-17 ta' Frar 2019, għall-ħabta ta' 17:15hrs, , ġewwa Ħal Far, limiti ta' Birzebbugia:

1. Ġiegħel, ħalla jew ippermetta vettura bil-mutur jew vettura oħra tinstaq minn persuna mingħajr liċenzja tas-sewqan;
2. Uza, ġiegħel jew ħalla lil persuna oħra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, għall-uzu tal-vettura minnu jew min dik il-persuna l-oħra, skond il-kaz, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Diċembru 2022, fejn il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputat mill-imputazzjoni numru (2) peress illi ma tirriżultax, sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni (Kap. 65, Art. 15(1)(b)) u kkundanatu jħallas multa ta' tlett mitt Ewro. *Inoltre*, il-Qorti swalifikatu ukoll milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tmint ijiem.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fit-2 ta' Frar 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet ħtija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma sabietx ħtija fir-rigward tat-tieni mputazzjoni u minflok issib ħtija f'dan ir-rigward ukoll u tinfliġġi piena adegwata u skont il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi aggravat bis-sentenza appellata unikament fejn din illiberat lill-appellat mit-tieni imputazzjoni, l-Avukat Ġenerali jilmenta fir-rikors tal-appell minnu ntavolat illi ġaladarba ġie ppruvat li s-sewwieq tal-vettura appartenenti lill-appellat, dakinhar tal-inċident *de quo*, ma kellux liċenzja tas-sewqan valida, allura awtomatikament ma seta' qatt ikun kopert b'polza ta' assigurazzjoni sabiex b'hekk kellha tirriżulta ir-reita' għal infrazzjoni tal-liġi li jitkellem dwarha l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, tul is-snin kien hemm deċiżjonijiet li jidhru kemmxejn konfliġġenti mill-qrati tagħna dwar x'interpretazzjoni għandha tingħata lid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu tal-liġi jikkontempla ir-reat ta' sewqan mingħajr kopertura ta' assigurazzjoni u li jiddisponi:–

> **Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.**

Illi fil-prosekuzzjoni għal dan ir-reat, kuntrarjament għar-regola ġenerali tad-dritt penali illi jitfa' l-piż' tal-oneru tal-provi fuq il-Prosekuzzjoni, hemm il-presunzjoni illi ma kienx hemm polza ta'l-assigurazzjoni, liema presunzjoni trid tingħeleb mill-

persuna mixlija bir-reat li jrid iressaq prova kuntrarja u dan sabiex jeżimi ruħu mir-responsabbilta' penali. Jixħet ukoll ir-responsabbilta' kriminali fuq dik il-persuna li tippermetti li l-vettura tiegħu tkun misjuqa minn sewwieq li mhux kopert bl-imsemmija polza u dan sakemm huwa ma jippruvawx illi jew ma kienx jaf li seħħet din il-vjolazzjoni jew inkella li eżerċita il-kawteli kollha sabiex jara li dan in-nuqqas ma javverax ruħu. Illi sub-artikoli (1A) u (1B) ta' l-istess artikolu, jiddisponu illi:–

> **(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).**
>
> **(1B) Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-subartikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir.**

Illi, ukoll l-artikolu 4(4) ta' l-istess Att jipprovdi hekk:

> **Polza ta' assigurazzjoni ma għandha ebda effett għall-finijiet ta' din l-Ordinanza kemm-il darba u sakemm ma jiġix maħruġ mill-assiguratur awtorizzat favur il-persuna li ħadet il-polza, ċertifikat (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsemmi "ċertifikat ta' assigurazzjoni") fil-forma stabbilita; u meta l-polza ta'assigurazzjoni tkun ċertifikat internazzjonali ta' assigurazzjoni, dak iċ-ċertifikat internazzjonali għandu, għall-finijiet kollha ta' din l-Ordinanza ħlief meta r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, ikun iċ-ċertifikat ta' assigurazzjoni meħtieġ li jinħareġ taħt dan is-subartikolu.**

Illi, huwa evidenti minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi illi għandha tirriżulta ir-reita' kull meta ma jkunx hemm maħruġ favur il-persuna imputata bir-reat taħt l-Artikolu 3, jew favur il-persuna li tkun qed tagħmel użu mill-vettura, polza ta' l-assigurazzjoni. Il-leġislatur, imbagħad, iqiegħed fuq l-ispalla tal-persuna akkużata l-ħtieġa li huwa jeżonera ruħu mir-responsabbilta' kriminali, kif ingħad, meta allura għandu jgib prova illi l-vettura hija koperta b'polza ta'l-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan billi juri li hemm fuq saqajh ċertifikat ta'l-assigurazzjoni maħruġ fit-termini ta'l-artikolu 4(4) ta'l-Ordinanza **<u>favur tiegħu jew favur il-persuna li tkun qed tagħmel użu mill-vettura</u>**.

Illi din il-Qorti ma tistax allura taqbel mal-fehma tal-Ewwel Qorti illi huwa biżżejjed li jkun hemm ċertifikat ta' assigurazzjoni maħruġ fuq kwalunkwe persuna, għaliex l-artikolu 4(4), li jagħmel referenza għalih l-artikolu 3(1A), jinneċċesita illi dan ikun

maħruġ favur dik il-persuna li tkun qed issuq il-vettura, u l-kwistjoni dwar jekk l-obbligazzjonijiet naxxenti minn din il-polza tal-assigurazzjoni għandhomx ikunu onorati xorta waħda mis-soċjeta assiguratriċi għalkemm il-vettura ma tkunx misjuqa minn sewwieq awtoriżżat skont il-polza tal-assigurazzjoni, hija *res inter alios acta*, u kif tajjeb tistqarr l-Ewwel Qorti hija kwistjoni purament ta' natura ċivili li ma għandha ikollha ebda piż fil-kamp penali.

Illi, mill-polza ta' assigurazzjoni ppreżentata in atti, jirriżulta li tali polza nħarġet fuq il-vettura tal-għamla Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni FCG121. Jirriżulta ukoll li tali polza daħlet fis-seħħ nhar il-1 ta' Lulju 2018 u kienet tiskadi nhar it-30 ta' Ġunju 2019. *In oltre*, mill-istess dokument jidher li l-"*Authorised Drivers*" tal-vettura in kwistjoni kienu "*The Policyholder (Josef Dalli) and Any Driver Over 25 years driving on the Policyholder's order or permission*".

Illi, ukoll mit-testimonjanza tar-rapprezentanta ta' *Transport Malta,* Vanessa Camilleri, jemerġi illi s-sewwieq li kien qed isuq il-vettura *de quo* fil-ħin tal-inċident, u ċioe Leon Barbara, ħu l-appellat, ma kellux liċenzja tas-sewqan.

Illi, esposti dawn il-fatti probatorji, huwa fatt mhux ikkontestat li l-vettura mertu ta' dawn il-proċeduri hija propjeta' tal-appellat. Huwa fatt mhux ikkontestat ukoll li l-appellat, kif ukoll il-vettura *de quo* huma koperti b'polza ta' assigurazzjoni valida. Mill-provi prodotti, irriżulta ukoll li l-appellat ippermetta lill-ħuh, Leon Barbara, jsuq din l-istess vettura, meta huwa kien ben konxju li l-istess Barbara ma kellux liċenzja tas-sewqan. Jirriżulta fuq kollox illi Leon Barbara, dakinhar tal-inċident, kien għad għandu biss dsatax-il sena. Għaldaqstant, huwa palezi li l-polza tal-assigurazzjoni ppreżentata in atti ċertament li ma kinitx tkopri lill-istess Barbara, kemm minħabba li ma kienx liċenzjat li jsuq, kif ukoll minħabba li kien għad għandu inqas minn 25 sena.

Illi, kif gie stabbilit fil-kawzi bl-ismijiet "<u>Il-Pulizija vs. Plamen Petko</u>"[1] u "<u>Il-Pulizija Vs Jonathan Grech</u>"[2] –

[1] Deċiza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Novembru 2006.
[2] Deċiza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Jannar 2007.

**"…. gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali <u>Il-Pulizija vs. Peter Paul Micallef</u>[3] meta kienet saret ukoll riferenza ghas-sentenza <u>Il-Pulizija vs. Carlo Abela</u>[4] fejn din il-Qorti irriteniet li galadarba persuna ma jkollhiex licenzja tas-sewqan, hi ma tistax tkun koperta b' polza ta' assikurazzjoni u fil-fatt dik hi l-pozizzjoni legali , ghax galadarba jigi pruvat li d-driver ma jkollux driving licence, ebda insurance ma tkoprieh. Jekk umbaghad id-driver ikun daqstant fortunat li jsib xi assikurazzjoni li lesta li tkoprieh anki meta ma jkunx licenzjat biex isuq, jispetta lilu biex jaghmel il-prova ta' tali kopertura u mhux lill-Prosekuzzjoni li tipprova li dik il-karozza partikolari ma kienetx koperta b' polza ta' assikurazzjoni jew li tali assikurazzjoni ma tkunx tkopri lil dak id-driver. Biex issir tali prova altrimenti kull darba jkunu iridu jigu prodotti bhala xhieda r-rapprezentanti tal-assikurazzjonijiet kollha li joperaw f' Malta u Ghawdex biex jiddikjaraw jekk hemmx polza ghall-dik il-vettura jew le u f' kaz li iva jekk id-driver individwalment hux kopert'**

Illi, hekk kif ġie ritenut minn dina l-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet "<u>Il-Pulizija vs Gilbert Gatt</u>" deċiza nhar il-11 ta' Mejju 2023 –

**F'kull kaz, anki kieku l-karozza tkun koperta b'assikurazzjoni, dan ma jfissirx li kull driver li jirkeb fiha, jkunx licenzjat jew le, jkun ukoll kopert b'polza kontra r-riskji tat-terzi persuni ghax jistghu ikun hemm restrizzjonijiet dwar min ikun kopert b' polza partikolari.**

Illi, l-iżvilupp ġurisprudenzjali fir-rigward tar-reat in diżamina kien tajjeb traċċjat minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta meta intqal hekk:

**"Issa, traccjat l-insenjament tal-Qrati tul iz-zmienijiet, jidher illi sas-sena 2005, l-Qrati taghna dejjem fehemu dak li fis-semplicita' tieghu jipprovdi lartikolu 3 tal-Kap 104, igifieri li hadd ma jista' jsuq vettura bil-mutur jekk ma jkunx debitament assikurat biex jaghmel dan. Dik is-sentenza izda tippernja fuq id-doveri tal-kumpaniji tal-assikurazzjoni u bid-dovut rigward, l-obbligi u l-kundizzjonijiet li l-kumpaniji tal-assikurazzjoni jassumu mal-Awtoritajiet kompriz ir-Regolatur, sabiex tinhargilhom u jzommu fis-sehh il-licenzji taghhom bhala assikurazzjoni kompriz l-obbligi taghhom li jiehu sehem f'pool bhala insurers concerned, ma jistghax jitqies li jezonera lil kull sewwieq mill-obbligi tieghu taht il-Kapitolu 104. Tant hu hekk illi, ghad li s-sentenza fl-ismijiet Scuderi kien font ta' referenza ghal diversi kawzi anke jekk mhix dejjem segwita, l-Qorti tal-Appell kellha ripensament u fis-sentenza taghha Il-Pulizija vs Andre Apap tal-4 ta' Frar, 2011 rriteniet illi ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi taghha Il-Pulizija vs Angelo Scuderi (3.11.2005), Il-Pulizija vs Stefan Apap (26.4.2007) u Il-Pulizija vs Charles Galea (7.5.2007) u ohrajn "dwar meta tiskatta l-prezunzjoni prevista**

[3] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta Settembru 2002.
[4] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Lulju 1996.

**fissubartikolu 3(1A) tal-Kap 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 huwa car u inekwivoku fil-portata tiegħu."**[5]

Illi, tgħid hekk is-sentenza Il-Pulizija vs Andre' Apap li għaliha tagħmel referenza l-Qorti fid-deċiżjoni su-iċċitata:

> **"Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 hu ċar u inekwivoku fil-portata tiegħu: il-preżunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta "...min jiġi akkużat b'reat taħt issubartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri certifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)" tal-Kap. 104. Din id-dispozizzjoni ma tħalli lok għall-ebda interpretazzjoni. Qatt ma kien hemm xi htiega li jsir xi sforz biex id-dispozizzjoni tal-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 tiġi rikonċiljata permezz ta' proċess ta' interpretazzjoni mad-dispozizzjoni tal-artikolu 10(1) tal-istess Kap għaliex iz-żewġ dispożizzjonijet jirregolaw sitwazzjonijiet diversi. L-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 jirregola x'jiġri fi proċeduri kriminali għal reat taħt l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 mentri l-artikolu 10(1) tal-istess Kap jirregola ir-riżarċiment mill-assikurazzjoni għal xi responsabbilta' għal dejn ċivili li għandha tkun koperta minn polza ta' assikurazzjoni. B'dak kollu li hemm fl-artikolu 10(1) tal-Kap 104 il-pożizzjoni li hemm fl-artikolu 3(1A) talistess Kap tibqa' mhux mittiefsa u ċioe' li fi proċeduri kriminali għal reat taħt l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 kemm-il darba l-akkużat ma jgibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4) jiġi preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni'**

Konsegwentement tenut kont tad-diċitura tal-liġi applikabbli għal din l-imputazzjoni, ma setatx l-Ewwel Qorti tistrieħ unikament fuq iċ-ċertifikat ta' l-assiġurazzjoni u dana peress li ġie ppruvat mingħajr l-ebda dubbju, li l-appellat minkejja li kien ben konxju li Leon Barbara kien għad għandu biss dsatax-il sena u ma kienx liċenzjat li jsuq, u li għalhekk ma kienx kopert bil-polza ta' assigurazzjoni viġenti, huwa xorta waħda ppermettielu jsuq il-vettura tiegħu. Dan għaliex l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jipprospetta l-ħtija tal-persuna li ssuq vettura jew li jippermetti li tinsaq il-vettura tiegħu, meta il-polza ta' l-assigurazzjoni ma tkopriex lis-sewwieq. Din il-prova ma ssirx mill-Prosekuzzjoni, iżda trid issir mill-persuna mputata, prova li neċessarjament hija f'idejh bħala dik il-persuna li hija mixlija bl-att vjolattiv. Dan għaliex hekk kif ikun hemm ix-xilja taħt il-Kapitolu 104, hemm il-presunzjoni illi ma kienx hemm polza ta'l-assikurazzjoni, liema presunzjoni trid tingħeleb mill-persuna mixlija bir-reat. Illi din il-prova ssir bil-produzzjoni ta' ċertfikat ta' l-assigurazzjoni li

[5] Il-Pulizija vs Joseph Gatt deċiza nhar it-18 ta' Jannar 2016.

għandu jkun jikkonforma mar-rekwiżiti stabbilit fl-artikolu 4(4) ta' l-Att, u fuq kollox illi dan iċ-ċertifikat huwa tali li jkopri kwalunkwe ħsara li talvolta tista' tkun minnu kkaġjonata waqt li hu kien qiegħed isuq il-vettura.

Illi, t-test bl-Ingliż ta' din id-disposizzjoni tal-liġi, fil-fehma tal-Qorti huwa iktar ċar u inekwivoku meta hemm hekk dispost:

> **Subject to the provisions of this Ordinance, it shall not be lawful for any person to use or to cause or permit any other person to use a motor vehicle on a road unless there is in force <u>in relation to the user of the vehicle</u> by that person or that other person, as the case may be, such a policy of insurance in respect of third-party risks as complies with the requirements of this Ordinance. (<u>enfazi tal-Qorti</u>)**

Illi, id-diċitura adoperata għalhekk tinneċċessita prova dwar l-eżistenza ta' polza ta'l assigurazzjoni li tikkonforma ruħha mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Ordinanza u li tkopri lis-sewwieq li jkun kiser il-liġi u li hi maħruġa favur tagħha, u dan skont id-disposizzijonijiet tal-artikolu 4(4) ta'l-Att. Tant hu hekk illi f'dawk il-każijiet fejn ikun mixli l-persuna li ippermettiet lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq, bhal kif inhu il-każ in diżamina, huwa jista' jkun eżonerat mir-reita' mhux biss billi jeżebixxi ċertifikat ta'l-assigurazzjoni, iżda jista' jipprova ukoll illi r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir, u dan allavolja jkun ippreżenta ċ-ċertifikat ta'l-assigurazzjoni biex b'hekk ifisser illi r-responsabbilta' penali tirriżulta meta ma jkunx hemm il-prova illi s-sewqan ikun kopert b'polza ta'l-assigurazzjoni li tkun inħarġet favur is-sewwieq bħala persuna awtorizżżata ukoll. Illi l-appellat la jressaq provi li l-polza ta'l-assigurazzjoni kienet tkopri ukoll l-użu tal-vettura minn ħuh Leon Barbara, u lanqas illi r-reat sar minn Barbara mingħajr ma kien jaf jew inkella li eżerċita dik id-diliġenza minnu meħtieġa sabiex iħares milli jitwettaq ir-reat, biex b'hekk ma jistax jingħad illi huwa issodisfa l-oneru tal-prova inkombenti fuqu sabiex jeżimi ruħu mill-ħtija.

F'dawn iċ-ċirkostanzi probatorji l-Qorti ma tarax illi l-appellat jista' jaħrab mir-responsabbilta' penali għal din l-infrazjoni tal-liġi. Għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tqies li l-aggravju hekk kif imressaq mill-Avukat Ġenerali

jistħoqqlu akkoljiment u li l-Ewwel Qorti kienet legalment zbaljata meta għaddiet sabiex tillibera lill-appellat mit-tieni mputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Għal dawn ir-raġunijiet suesposti, dina l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u tirriforma s-sentenza appellata billi:**

**i) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu; u**

**ii) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tieni akkuza miġjuba kontrih u minflok issibu ħati ta' l-istess, u dana fit-termini ta' l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta; u**

**iii) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn imponiet fuq l-appellat multa ta' €300 u minflok timponi multa ta' €3,000; u**

**iv) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn imponiet fuq l-appellat skwalifika milli jkollu jew li jikseb liċenzja tas-sewqan għal zmien ta' tmint ijiem u minflok tiskwalifika lill-istess appellat milli jkollu jew li jikseb liċenzja tas-sewqan għal zmien ta' sena u xahar mid-data ta' din is-sentenza.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**